# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 4: Jitwieled għalina**

**Lezzjoni 4.1:** Il-Milied Festa Tassew

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jaħsbu dwar x'iġib dan iż-żmien tas-sena.
2. Jiftakru dwar it-tifsira tal-veru Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Stampi kkuluriti dwar il-Milied
  (stilla, presepju, Bambin, siġra tal-Milied, il-girlanda
  il-ġulbiena, il-kartolini, ir-rigali, familja tiċċelebra l-ikla tal-Milied)

- Slogans ta' xewqat
  - Nawguralek Milied hieni!
  - L-isbaħ xewqat għall-Milied u s-sena il-Ġdida!
  - Il-Milied it-tajjeb!
  - J'alla jkollok Milied hieni u qaddis!



- vidjow: Innu tal-Milied
  http://www.youtube.com/watch?v=YG5RA6CVBug

- Powerpoint: Il-veru Milied

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**



- Introduċi s-slogans. U staqsi fiex ifakkruna u x'qed jgħidulna.
- Uri l-istampi li juru x'iġib dan iż-żmien tas-sena. Issir diskussjoni fuqhom u jwieġbu l-mistoqsijiet dwar x'qed jaraw. Iffokka fuq l-istampa tal-familja tiċċelebra l-ikla tal-Milied. Spjega l-għaqda u l-imħabba li tkun teżisti bejn il-membri tal-familja jew komunità.



**Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-Lezzjoni)**

- Staqsi lill-istudenti x'iġib miegħu l-Milied. Meta jagħtu l-ideat għidilhom li għal xi wħud il-Milied Malti hu nieqes minn ingredjenti li hemm f'artijiet oħra. Hawn min jistħajlu Milied bil-borra fuq is-siġar, bil-familji mdawra man-nar tal-***fireplace*** u bi ħwienet li fihom issib kulma trid għar-rigali tal-Milied. Għidilhom li t-televiżjoni u r-revisti jqegħdulna ambjenti mlewna tal-Milied.
- Iffoka fuq t-tifsira vera tal-Milied. Uri l-ppt *Il-Veru Milied.*
- Uri l-mod kif Marija, omm Ġesù, u Ġużeppi kellhom lil Ġesù u minn xiex għaddew sakemm wasslu lil Ġesù fid-dinja. Kemm għandna inkunu grati lejhom.
- Tkellem mal-istudenti dwar l-imħabba li nissel ġol-qlub ta' dawk li marru jarawh.

- Spjega li:

Il-veru Milied hu kull darba li titbissem u tnewwel idek lill-oħrajn;,kull darba li tibqa' sieket ħalli tisma' lill-oħrajn, kull darba li tiddefendi lid-dgħajjef kontra min hu b'saħħtu, kull darba li tintebaħ bil-limiti u bid-djufija tiegħek. Il-Milied hu kull meta tħalli lill-Mulej iħobb permezz tiegħek.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.1. Spjega t-test mogħti u wara, fuq bażi ta' klassi, aħdem Attività A. Tista' tkompli b'Attività B ħalli jkun hemm ċertezza li kulħadd ħa r-risposta t-tajba.

Risposti: Attività A: ferħ- sabiħ- twelid – Ġużeppi – Marija-Betlem – mħabba – għaqda- paċi – Ġesù - presepju.

Attività B: Ġesù Bambin twieled ġewwa għar biex jifdina.

San Ġużepp wassal lil Marija sa Betlem.

Il-Madonna dejjem qalet iva għas-sejħa tal-Mulej.

Il-presepju narmawh biex ikollna lil Ġesù fil-maxtura.

Jekk tixtieq uża wkoll l-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali li hija puzzle.

- Spiċċa bis-song: Lejl tal-Milied.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Illum saret drawwa li nagħtu rigali lil xulxin fil-Milied. Din bdiet minn meta l-Maġi taw ir-rigali lil Ġesù.
2. Dawn huma affarijiet sbieħ iżda important li ma nħalluhomx ibegħduna mill-Ispirtu veru tal-Milied.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Ejja nħossu fina x-xewqa li ngħixu sew għaliex Ġesù twieled biex aħna nsiru aħjar u aktar bilgħaqal.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ara vidjow.Titkanta: Il-Lejl Tal-Milied

http://www.youtube.com/watch?v=YG5RA6CVBug



**Nitolbu**

O Ġesù li twelidt għalina,
B' Milied veru Int hennina!
Grazzi. Ammen.
Ħsieb:



Mulej, għinni biex dan il-Milied li ġej ikun għalija Milied Nisrani li nħejji ruħi għalih bi qrara aħjar mis-soltu, infittex lil Ġesù fl-oħrajn, inċedi u nagħti aktar milli nirċievi.